MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2009

Numru 62/1999

**Il-Pulizija**

**vs**

**Saviour sive Sunny Camilleri**

**Illum 25 ta' Novembru 2009**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Saviour sive Sunny Camilleri, bin i-mejtin Grezzju u Joan nee Zammit, detentur tal-karta tal-identita' numru 16057(G) kif ravvizati a fol. 1 tal-process, u cioe:

Talli f'Ghawdex, f'dawn l-ahhar xhur qabel il-21 ta' Marzu 1999, xjentement, ghex, ghal kollox jew f'parti, minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta' persuna ohra;

F’Ghawdex, fit-18 u fil-21 ta’ Marzu 1999, fi triq jew post iehor pubbliku, dejjaqt lil xi persuni ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

Rat ir-rinviju tal-avukat generali tat-3 ta’ Novembru 2000 li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex ikun gudikat minn din il-Qorti ghal dak li hemm ravvizat fl-artikolu 7 tal-Kap 63

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok jehtieg li jkun rizolt il-punt sollevat mid-difiza dwar l-artikolu tal-ligi citat mill-avukat generali fir-rinviju tieghu tat-3 ta’ Novembru 2000 u cioe li l-akkuzat kien mixli bi ksur tal-artikolu 7 (1) u (2) tal-Kap 63 meta mressaq quddiem din il-Qorti izda l-avukat generali ordna l-gudizzju fil-konfront biss tal-artikolu 7 Kap 63. L-imputat jghid li l-avukat generali ma jistghax jaghmel referenza ghall-artikolu 7 biss meta dan jikkonsisti minn zewg subartikoli u ghalhekk kellu jindika jew is-subartikolu wiehed, jew it-tieni jew it-tnejn f’salt u jekk tali cirkostanzi ghandha taghti lok ghal nullita f’sentenza daqstant iehor ghandu jkun null ir-rinviju tal-avukat generali.

Din il-Qorti ma taqbilx ma’ dak sollevat mid-difiza f’dan ir-rigward. La darba l-avukat generali baghat lill-imputat sabiex ikun gudikat ghal dak provdut fl-artikolu 7 tal-Kap 63, ifisser biss illi l-imputat ghandu jwiegeb ghal-kull subartikolu taht l-art 7 tal-istess Kap.

Illi **dwar l-ewwel akkuza** irid jinghad illi hemm il-prezunzjoni kontra l-imputat kif ravvizata fis-subartikolu 3 tal-Kap 63 li tipprovdi li sakemm ma jkun ppruvat il-kuntrarju, persuna titqies illi xjentement tghix ghal kollox jew in parti minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni jekk jinsab illi hija tghix jew soltu tkun ma’ persuna li tezercita l-prostituzzjoni, jew li hija kkontrollat jew mexxiet lil dik il-

persuna jew kellha hakma fuqha m'mod li juri li hija qieghda tghin, thajjar jew iggieghel il-posituzzjoni ta' dik il-perusna ma persuna u ma persuni ohra. Issa, fil-kaz in dizamina, jirrizulta illi l-imputat kien fil-kumpanija ta' persuna li irrizulta li kienet prostituta. Il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni stess ma jmorrux oltre li l-imputat kien iltaqa' ma' din il-persuna u kien iwassalha kull fejn kien mehtieg li taghti s-servizzi taghha u ta' dan kienet ittih zewg liri maltin tal-petrol. Fil-fatt kienet taghtu biss erba liri maltin b'kollox ghaliex kienu iltaqghu biss jumejn u f'dawk il-jumejn l-imputat kien wassalha diversi postijiet. Ma jirrizulta imkien li l-imputat kien jghix ma' din il-prostituta u anqas li **soltu** ikun fil-kumpanija taghha jekk naturalment bil-kelma **soltu** huwa mifhum aktar minn darba jew darbtejn. In effetti l-prosekuzzjoni ressqet diversi irgiel li xehdu li marru mal-prostituta fil-kors ta' jumejn meta din kienet fil-kumpanija tal-imputat u ghalhekk ma jistax jitqies pruvat l-element ta' abitudini kif ravvizat f'dan l-artikolu. L-anqas ma jista' b'xi mod ikun kontemplat, mill-provi mismugha, li l-imputat kellu xi hakma fuq din il-persuna. Huwa kien hajjar xi rgiel biex imorru ma' din il-mara billi ghamlilha reklam izda ma tressqet ebda provi li turi li kellu xi dominanza fuqha, aktar u aktar meta kienet hi wahidha li tiftiehem dwar il-prezz u zzomm il-qligh kollu ghaliha.

Illi ghalhekk il-prezunzjoni kontra l-imputat f'dan il-kaz mhix applikabbli u jehtieg li l-Qorti tara xi provi ohra hemm kontra l-imputat 'l hinn mill-prezunzjoni ta' htija.

Il-prosekuzzjoni ressqet diversi rgiel li whud minnhom ikkonfermaw illi kienu avvicinati mill-imputat f'kors tal-istess gurnata biex ihajjarhom imorru ma' din il-prostituta u whud minnhom ikkonfermaw li kellhom x'jaqsmu maghha bi hlas miftiehem maghha. L-imputat qatt ma ftiehem maghhom dwar prezzijiet u qatt ma thallas minghand ebda wiehed minnhom. Jirrizulta li l-prosekuzzjoni esebiet stqarrija ta' kull wiehed minn dawn ix-xhieda minkejja li din mhix procedura ammissibbli izda stante li dawn kollha xehdu b'mod li kkonfermaw dak li kienu gia iddikjaraw fl-istqarrija, il-Qorti mhix ser tordna l-isfilz taghhom.

Il-prosekuzzjoni ressqet ukoll lill-persuna li kienet qed tagixxi ta’ prostituta u hawn ukoll esebiet stqarrija taghha u ittiehed ix-xhieda taghha minghajr ma inghatat il-kawzjoni u minghjar ma kien dikjarat jekk hi kellhiex xi kawza pendenti kontra taghha ghal ksur tal-Kap 63. Din ix-xhud kkonfermat li hi qatt ma kellha relazzjoni mal-imputat kif ravvizat fil-Kap 63. Minn dak li semghet il-Qorti jirrizulta illi l-imputat u din il-persuna prostituta qed jghid il-verita’. Ix-xhieda tal-irgiel u kemm tawha flus huma perfettament kongruwenti ma dak li jghid l-imputat u cioe li l-flus li kienet tircievi kienet tqieghedhom fil-kalzetta u meta kienet intercettata mill-pulizija sabulha ezatt l-ammont ta’ flus li kull xhud qal li kien hallasha u ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex tiddubita mill-verzjonijiet moghtija. Tazzarda tghid din il-Qorti illi l-prostituta hija komplici f’dan il-kaz u ghalhekk ix-xhieda taghha jehtieg li tkun korroborata minn terzi izda f’dan il-kaz, ix-xhieda, l-irgiel li marru ma din il-prostituta, kollha ikkonfermaw li l-imputat kien biss xufier taghha.

Illi fil-kaz estrem li iz-zewg liri li tat lill-imputat f’zewg okkazzjonijiet, oltre l-favur sesswali li ssemma tul il-kors tal-kawza, jitqiesu bhala l-hlas tal-imputat ghas-servizz li presta bhala l-protettur ta’ din il-persuna, fih innifsu mhux bizzejjed sabiex jikkwalifika lill-imputat bhala dik il-persuna msemmija fl-artikolu 7(1) tal-Kap 63. Fil-kawza **Il-Pulizija vs Anthony Curmi App Kriminali 29/7/1961,** l-Qorti kienet irriteniet illi r-reat ta` ghixien f'kollox jew in parti, mill-qliegh tal-prostituzzjoni jippresupponi mhux okkazzjoni wahda ta` qliegh baxx, imma sistema ta` sfruttament tat-turpitudni ta` hadd iehor, allavolja din il-persuna l-ohra takkonsenti. Ghaldaqstant il-fatt izolat li wiehed jircievi flus talli ressaq persuna ghal skop ta` prostituzzjoni ma jikkostitwix dan ir-reat.

Illi **dwar it-tieni akkuza** din il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tiddelibera fit-tul ghaliex din hija wahda li tindirizza l-persuna li tagixxi ta’ prostitut jew prostituta u fil-kaz in dizamina l-imputat mhux qed ikun akkuzat li prostitwixxa ruhu. Frankament it-tieni akkuza kif ravvizata fl-ewwel fol tal-inkartament mhix dik provduta fl-artikolu 7(2) tal-Kap

63 ghaliex strettament dik l-akkuza ma tikkostitwix rejat izda stante li l-avukat generali indika l-art 7 tal-Kap 63, l-imputat ghandu jwiegeb ghalija u mhux ghall dik riportata fl-ewwel fol. Dwar dan irid jinghad illi minn ezami tal-gurisprudenza (are ad ezempju **Il-Pulizija vs Joseph Vella App Kriminali 30/05/1994**) jidher li dan is-subartikolu jirreferi ghal dik il-persuna li tipprostitwixxi ruhha b'tali mod li l-Qrati dejjem hadu in konsiderazzjoni l-elementi ta' tlajjar, ilbies, pozi u hwejjeg simili bhala prova tal-agir illegali. Il-provi li ressqet il-prosekuzzjoni huma intizi biex jippruvaw li l-imputat ghix mill-qligh tal-prostituzzjoni u mhux li ghamilha ta' prostitut kontra id-dispost tas-subartikolu 2 tal-artikolu 7 Kap 63 tant li l-att ta' prostituzzjoni kien dirett lejn il-persuna l-ohra li xehdet f'dawn il-proceduri kif gia inghad.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati u qed tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------